MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru 137/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
v

**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **OMISSIS** ta' sittax il-sena bin **OMISSIS** gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-ghaxra ta' Frar 2004, u l-erbgha xhur ta' qabel fl-Imsida u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti;

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna

jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi skur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma keinetx ghal uzu esklussiv tieghu;

c. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li

jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza u dan bi skur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Talli kkommetta dawn r-reati f'post, fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh jew r-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amminstrazzjoni jew f'li offra li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, lil minuri jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-droga bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat tmintax ta' Frar 2004 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) markat bhala dokument CSH a fol 4 tal-atti processwali sabiex din il-kawza tinstemgha quddiem il-Qorti bhala wahda ta' gudikatura kriminali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar d-dsatax ta' Frar 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-dsatax ta' Frar 2004 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Illi in vista tal-fatt li l-imputat huwa minuri, ghandu problema ta' abbuz ta' droga u fil-present ghaddej programm ta' disintossifikazzjoni f'Dar l-Impenn u d-dikjarazzjoni tieghu stess li lest li jibda programm residenzjali una volta jigi accettat f'wiehed minn dawn il-programmi, il-Qorti hasset li jkun opportun li tigi nominata Probation Officer sabiex thejji *pre sentencing inquiry report* fil-konfront tieghu u ghal dan l-ghan, dakinhar stess tad-dsatax ta' Frar 2004, innominat lil Miriam Sevasta ghal dan l-ghan.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2004 dehret s-**Senior Probation Officer Miriam Sevasta** li ppresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument PSIR a fol 10 et seq tal-atti.

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-genwinita u l-immaturita tal-imputat li jiddeskrivi x'kien jaghmel biex jiehu d-droga u cioe li kien jabbuza mid-droga ghaliex kien jisthi hafna u b'hekk kien ikun *friendly* ma shabu. Jirrizulta li l-imputat fil-present qed isegwi programm ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz tad-droga gewwa San Blas. Illi l-genituri tieghu tawh l-ghajnuna kollha rikjesta u qed ikunu tassew ta' support ghalih. Dan l-fatt il-Qorti nnotatu anke meta tara l-genituri tieghu quddiemha kull meta l-imputat jkollu udjenza u l-interess li huma juru f'dawn il-proceduri.

Illi l-Ufficjal tal-Probation fir-rakkomandazzjoni taghha issuggeriet li l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja fil-minimu taghha stante li tali piena hija wahda tassattiva u in oltre tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' zmien sabiex l-imsemmi imputat jinghata l-ghajnuna mehtiega. In oltre, hija tal-fehma li l-imputat jkollu bhala kundizzjoni fl-ordni tal-probation li huwa jtemm l-programm ta' riabilitazzjoni li huwa beda u bl-ghajnuna tal-Ufficjal tal-Probation huwa jkun jista jaffaccja l-fazi ta' re-integrazzjoni fil-komunita b'inqas diffikulta.

Semghet lil **Antoine Mifsud** rappresentant tal-Caritas jghid nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004, li l-imputat kien ilu xahrejn jaghmel programm u li fil-fehma tieghu, l-imputat irregistra progress.

Semghet lil **Karm Borg** jixhed fis-seduta tal-ghoxrin ta' Ottubru 2004 jghid li l-imputat kien ilu ghaddej programm ta' riabilitazzjoni ghal dawn l-ahhar sebgha xhur u li l-imputat ghamel progress kbir hafna, ikkopera ma kulhadd u llum il-gurnata qieghed f'posizzjoni li jerfa' r-responsabbilitaijiet tieghu u fil-fatt jghid li kliem ta' tifhir biss semgha fil-konfront tieghu mill-impjegati tal-progamm. Spjiega li l-imputat ghad baqghalu xahrejn ohra residenzjali fil-programm u wara jibda s-*semi residential phase*.

Illi l-Prosekuzzjoni, li ma dehritx wisq f'dawn l-proceduri, naqset li tippresenta l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, pero fortunatament l-Probation Officer taghmel referenza ghaliha fir-relazzjoni taghha u ghalhekk stante li din r-relazzjoni ma hija kontradetta minn hadd, din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal kontenut tal-istqarrija tal-imputat.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija quddiem l-Ufficjal Prosekutur nhar l-hdax ta' Frar 2004 u cioe gimgha qabel ma tressaq il-Qorti.

Illi minn dak li jirrizulta a fol 14 tal-atti, u cioe dwar il-versjoni tal-akkuzat ghal dak li gara, huwa jiddeskrivi ezatt kif kien beda bil-vizzju mishut tad-droga u kif kien jittratta

ma shabu rigward din il-problema. Jghidilna kif kien jixtri d-droga, ma min kien ikun, ma min kien jehodha, il-prezz taghha, kif kien jaghmel biex jkollu *supply* ghalih, isemmi t-tfal kollha li kienu nvoluti mieghu f'din il-kwistjoni ta' droga.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-imputat ghamel dak li ghamel mhux sabiex jistghana minn fuq terzi persuni jew bhala *business*, izda sabiex jissostanzja l-vizzju li kien qabad u bhala sens t'avventura.

Illi minhabba dak kollu li l-imputat qal lil Pulizija Ezekuttiva waqt l-investigazzjoni a tempo vergine, huwa ghandu jikkwalifika ghal beneficcju previst mill-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jikkontempla diminuzzjoni tal-piena f'dawn l-kazijiet.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputat ghandu eta tenera u li kellu biss sittax il-sena meta tressaq l-Qorti.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda nadifa ghal ahhar u li ma hemm ebda reat jew kontravenzjoni registrata fuqha u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tittratta ma dan l-imputat bhala *a first time offender*.

Il-Qorti qabel xejn tirrebadixxi li r-reat ta' traffikar huwa reat serju u jgorr mieghu nvarjabilment piena karcerarja. Dan jghodd wkoll ghal min jqassam d-droga sabiex jikkoltiva ossia jissodisfa l-vizzju tieghu. Persuna li tiddependi fuq id-droga, ghandha tipprova tikkura ruhha u mhux tittraffika d-droga bi hsara rreparabbli lis-socjeta.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u

ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Bejn r-reat ta' traffikar u dak ta' pussess jesizti f'dan il-kaz, in-ness tal-mezz ai fini skond l-paragrafu (h) tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk wiehed ghandu jimxi fuq il-piena ghar-reat l-aktar gravi li hu dak ta' traffikar.

Ghal dan r-reat ta' traffikar u r-reat inqas gravi ta' pussess ta' droga, japplika d-disposizzjoni tal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-piena applikabbli ghal dan il-kaz fil-minimu taghha huma s-segwenti:

Traffikar:-
minimu sitt xhur - massimu ghaxar snin;

B'zieda ta' grad minhabba l-aggravju [skond l-artikolu 22(2) proviso Kap 101]:-
minimu disgha xhur - massimu tmintax il-xahar;

Bit-tnaqqis ta' zewg gradi [skond l-artikolu 29 tal-Kap 101]:- minimu xahar - massimu tlett xhur;

Bit-tnaqqis ta' grad [kif dispost fl-artikolu 37 tal-Kap 101] - ghalhekk jiskatta l-artikolu 31(c) tal-Kap 9 u cioe il-piena tkun jew prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn ghoxrin gurnata jew ghad-detenzjoni jew ghal amenda.

Illi skond l-artikolu 13(1) tal-Kap 9, fejn il-ligi ma tghidx espressament xort'ohra - l-minimu huwa ta' tlett liri - fil-waqt li l-massimu ta' l-amenda huwa ta' hamsa w ghoxrin lira.

Illi skond l-artikolu 22(9) tal-Kap 101, din il-Qorti hija projbita milli tapplika l-artikolu 21 u 28A tal-Kodici Kriminali w id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja tal-akkuzi in desamina.

Illi b'dispjacir kbir din il-Qorti hija ghalhekk pprojbita milli tpoggi lil imputat taht probation li, fil-fehma taghha, kienet tkun s-sitwazzjoni ideali ghaliex b'hekk l-imputat kien ikun sorveljat ghal perjodu ta' tlett snin shah u bil-ghajnuna ta' tali Ufficjal ta' Probation, il-Qorti kien jkollha mohha mistrieh li l-imputat ikun sorveljat u jinzamm 'l boghod mill-hajja kriminali u ghalhekk kellha tiskarta s-suggeriment tal-Ufficjal tal-Probation li tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation.

Forsi issa ghadda z-zmien li ssir amenda fil-ligi u cioe fl-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi Kap 101 sabiex f'kazijiet eccezzjonali u f'kazijiet fejn si tratta ta' minuri, tali ligi, u cioe l-Att dwar l-Probation [Kap 446] ikun jista jigi applikat.

<u>B'hekk tordna li kopja ta din s-sentenza tigi mibghuta lil Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati</u>.

**Illi ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 8(a)(c)(d), 22(2) u 22(9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li qed issib lill-imputat OMISSIS hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal hlas ta' amenda ta' hamsa w ghoxrin lira maltin.**

**Il-Qorti tfakkar lil imputat fil-progress kbir li hu ghamel tul dan il-process u tirrakkomandalu jibqa fil-programm residenzjali li hu qed jaghmel kontra l-abbuz tad-droga.**

**Il-Qorti tordna d-divjett tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat fuq il-mezzi kollha tax-xandir.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------